MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 9/2010

**Anna Maria Cavallari**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Mejju, 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru

Ra l-appell

Ra r-risposta

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti

Ikkunsidera

> Illi ghalkemm iddenunzjat il-qliegh taghha mill-hosting lil Kummissarju tat-Taxxi Interni, hija naqset li tinforma b'dan lid-Dipartiment li kien qed johrogilha l-beneficcju. Kull kambjament fic-cirkostanzi li jista' jinfluwixxu fuq il-pagament ghandu hekk jigi rapportat.
>
> L-appell qed jigi michud."

Bl-appell taghha minn din is-sentenza r-rikorrenti tikkwerela l-komputazzjoni maghmula mid-Direttur appellat, accetata mill-Arbitru, li rrikjama lura minghandha r-rimbors tas-somma ta' €2712.75 ghall-perijodi mill-5 ta' Jannar 2002 sat-3 ta' Jannar 2003 u mill-1 ta' Jannar, 2005 sal-5 ta' Jannar, 2007;

F'dan il-kaz il-fatti ewlenin huma kif gej:-

1. L-appellanti kienet ir-recipjenti ta' Ghajnuna Medika (SKA) in bazi ghat-talba minnha maghmula fis-17 ta' Settembru, 1998;

2. Fuq investigazzjoni kondotta fit-18 ta' Lulju 2008 mid-Direttorat (Frodi ta' Beneficcji u Investigazzjoni) gie accertat illi l-appellanti kienet qeghda takkomoda fl-appartament taghha studenti barranin. L-appellanti naqset li tinforma b'dan lid-Dipartiment koncernat;

3. In konsegwenza ghal dan l-istharrig id-Dipartiment ghadda biex jinformaha illi l-mezzi taghha kienu jaccedu l-iskala ghal beneficcju provvdut u talabha r-rifuzjoni tas-somma fuq indikata;

Il-beneficjarja appellat minn din id-decizjoni tad-Direttur bl-aggravju illi ma kienx minnu illi l-mezzi taghha kienu jeccedu l-iskala u f'kull kaz, skond kif ulterjorment spjegat minnha b'ittra tas-6 ta' Novembru 2009, il-komputazzjoni maghmula kienet errata in kwantu din, skond hi, ma

kellhiex tinhadem fuq bazi ta’ tnejn u hamsin (52) gimgha fis-sena izda limitatament ghab-bazi ta’ dawk il-gimghat biss li fihom l-istudenti kienu sistemati ghandha. Il-kontenut ta’ l-appell taghha lil din il-Qorti hu bazat fuq din l-istess sottomissjoni;

Jigi osservat illi l-Arbitru cahad il-gravam ta’ l-appellanti sottopost lilu bir-ragonament li l-appellanti naqset li tinforma lid-Dipartiment bit-tibdil fic-cirkustanzi tal-mezzi taghha li setghu jinfluwixxu fuq il-beneficcju prestat lilha. Mill-kumplament ma pprovda xejn izjed tant li hu bil-bosta evidenti illi l-Arbitru naqas ghal kollox milli jokkupa ruhu u jinvesti l-punt dwar il-korrettezza, o meno, tal-kalkolu li sar mid-Dipartiment ghar-rimbors tal-*overpayment* kontestat mill-appellanti;

Huwa bil-wisq ovvju ghal din il-Qorti trattasi li l-kwestjoni fokali f’dan il-kaz kienet tikkoncerna l-kontestazzjoni da parti ta’ l-appellanti ta’ l-ammont li tieghu kien qed jintalab ir-rimbors lura mid-Direttur, kien mistenni illi l-Arbitru jinterpreta qabel kollox id-domanda sostanzjali devoluta lilu, japprezza l-kontenut taghha u ta’ l-iskop persegwit mill-appellanti, u jaghmel finalment il-gudizzju tieghu dwarha b’motivazzjoni sobrija. Dan qieghed jigi rilevat in kwantu l-Arbitru naqas milli jidentifika l-oggett preciz tal-gudizzju;

Zgur li ma tistax tigi legittimament konsiderata motivazzjoni fis-sens tal-ligi s-semplici adezjoni tal-fatt illi l-appellanti naqset milli tirrapporta kif imiss id-dhul li kienet qeghda tircievi ghal *hosting* ta’ l-istudenti. Biex dik il-motivazzjoni setghet hekk titqies verament legittima kienet kondizzjonali fuq l-Arbitru li jevalwa, almenu sintetikament, jekk is-somma reklamata kienetx sew komputata ai termini tal-ligi. Jekk xejn, biex l-appellanti jkollha s-sodisfazzjon minimu illi dak mitlub minghandha kien jikkorrispondi ghall-korrettezza legali pjena u li l-kontra-deduzzjoni taghha f’dan ir-rigward ma kienetx tenibbli. Mhux biss dan ma giex indikat bhala fatt izda wisq anqas

ma gie indikat il-motiv ta’ dritt ghas-sostenn tal-komputazzjoni tad-Direttur skond l-ittra tieghu tal-15 ta’ Dicembru 2008;

Mhux ghal din il-Qorti hi toqghod tintilef fil-matematika tal-komputazzjoni meta, biex isir dan, kien jispetta fl-ewwel lok li r-*ratio decidendi* tas-sentenza impunjata tkun kompluta minn ezercizzju bhal dan b’indikaturi ta’ dawk l-elementi ta’ fatt u ta’ dritt konsiderati jew presupposti mill-Arbitru fid-decizjoni tieghu. Dan wara kollox kien il-punt deciziv tal-kontroversja prospettata mill-appellanti u li dwaru d-decizjoni baqghet kompletament siekta;

F’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma ghandhiex xelta ohra hlief li tiddenunzja l-motivazzjoni ta’ l-Arbitru bhala intrinsikament karenti fir-rispett ta’ l-istruzzjoni tal-kaz quddiemu. L-atti ser ikollhom allura jigu rimessi lura lilu biex l-Arbitru jipprovdi adegwatament fuq il-punt deciziv predett u fl-istess waqt il-partijiet ikunu eventwalment jistghu jibbenefikaw mid-doppju ezami, jekk ikun il-kaz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tannulla d-decizjoni ta’ l-Arbitru u tirrimanda l-atti lura lill-istess Arbitru ghal konsiderazzjoni debita tal-gravam sottopost lilu u ghad-decizjoni skond il-ligi. L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------